V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9975 – Warburg Pincus / Vista Equity Partners Management / Infoblox)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 352/04)

1. Fil-15 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Warburg Pincus LLC ("Warburg Pincus", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Vista Equity Partners Management ("Vista", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Infoblox, Inc. ("Infoblox" jew il-"Kumpanija fil-Mira", l-Istati Uniti tal-Amerka), bħalissa kkontrollata esklużivament minn Vista.

Warburg Pincus u Vista se jakkwistaw kontroll bi sħab fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet fuq Infoblox kollha kemm hi. Vista bħalissa tgawdi l-kontroll esklużiv ta' Infoblox.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Warburg Pincus: ditta ta' investiment ta' ekwità privata, li primarjament tinvesti f'kumpaniji f'varjetà ta' setturi, inklużi l-konsumaturi, is-servizzi industrijali u tan-negozju, l-enerġija, is-servizzi finanzjarji, il-kura tas-saħħa, il-proprjetà immobbli, u t-teknoloġija, il-media u t-telekomunikazzjonijiet,

— Vista: ditta ta' investiment privat li tiġġestixxi għadd ta' kumpaniji ta' portafoll attivi fil-forniment ta' servizzi tal-IT,

— Infoblox: fornitur ta' servizzi ta' awtomatizzazzjoni u sigurtà tal-IT, inkluż software u tagħmir li jawtomatizza l-assenjazzjoni tal-indirizzi IP u tiġġestixxi s-Sistema tal-Ismijiet tad-Dominju (Domain Name System, "DNS"), u soluzzjonijiet ta' sigurtà tad-DNS u ta' awtomatizzazzjoni tan-network tal-cloud.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9975 — Warburg Pincus / Vista Equity Partners Management / Infoblox

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË